MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 503/2002/1

**Cit Nru: 503/02 JA.**

**Ceilings Systems Limited.**

**-vs-**

**Diretur Generali tad-Dipartiment tal-Kuntratti**
**U**
**Chairman tal-Welfare Committee.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-3 ta' Mejju, 2002 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi d-dipartiment tal-Kuntratti ghan-nom tal-Welfare Committee fil-bidu tas-sena 1999 hamel sejha pubblika ghax-xogholijiet gewwa r-residenza ta' St. Vincent De Paule, f' Hal-Luqa, liema sejha kienet igib l-isem *"Refubishment (Mechanical and Electrical Services) of Female Wards 19 and 20 at St. Vincent De Paule, Luqa".*

Illi s-socjeta' attrici, Ceilings Systems Ltd. Fis-17 ta' Gunju, 1999 sottomettiet offerta ghal-imsemmi xoghol, liema offerta giet accettata mid-Dipartiment tal-Kuntratti permezz ta' ittra datata 27 ta' Ottubru, 1999;

Illi matul l-esekuzzjoni tax-xogholijiet da parti tas-socjeta' attrici, l-Wlefare Committee u rapprezentant taghha, l-inginier Alfred Scicluna, ordnaw diversi xogholijiet ohra oltre dawk imsemmija fil-kuntratt originali u rizultat ta' dan kemm iz-zmien, ta' sitta u tletin (36) gimha, kif ukoll is-somma originali ta' Lm635,000, kellhom jigu estizi sabiex ikopru dawn il-varjazzjonijiet;

Illi matul il-perjodu originali tal-kuntratt, minghaj ebda gustifikazzjoni, fuq decizzjoni arbitrarja u abuziva da parti tal-konvenuti, jew min minnhom, parti konsiderevoli tal-kuntratt gie assenjat lil terzi, u rizultat ta' dan is-socjeta' attrici sofriet telf ta' qliegh kif wkoll danni ohra;

Illi s-socjeta' attrici f' Marzu, 2001 terminat ix-xoghol fuq l-imsemmi kuntratt fu fis-16 ta' Marzu, 2001 harget d-dokumenti kollha relattivi lil konvenuti inkluz il-fattura finali, fl-ammont ta' Lm826,657.7;

Illi minkejja li aktar minn sena ghaddew minn meta x-xoghol gie terminat, il-konvenuti, jew min minnhom, ghadhom ma halsux lis-socjeta' attrici l-bilanc ta' Lm123,874.33;

Illi minkejja diversi interpellanzi tas-socjeta' attrici sabiex jersuq ghal hlas tal-imsemmi bilanc, il-konvenuti jew min minnhom, baqghhu inadempjenti;

Ghalhekk titlob lil din l-Onrorabbli Qorti ghaliex m' ghandhiex:

1. a) tiddikjara l-konvenuti, jew min minnhom, debituri tas-socjeta' attrici ghas-somma ta' Lm123,874.33 (mija tlieta u ghoxrin elf tmin mija erba' u sebghin liri maltin tlieta u tlettin centezmi);

b) tikkundanna l-konvenuti, jew min minnhom, ihalsu s-socjeta' attrici is- somma ta' Lm123,874.33 (mija tlieta u ghoxrin elf tmin mija erba' u sebghin liri maltin tlieta u tlettin centezmi);

2. a) tiddikjara illi s-socjeta' attrici sofriet danni b' rizultat tan-nuqqas tal-konvnut jew min minnhom, meta dawn assenjaw parti mill-kuntratt tas-socjeta' attrici lil terzi;

b) tiddikjara illi l-konvenuti, jew min minnhom, huma unikament responsabbli ghal dawn id-danni kollha li sofriet is-socjeta' attrici;

c) tillikwida dawn id-danni li sofriet is-socjeta' attrici, okkorendo bl-opera ta' perit nominand; u

d) tikkundanna l-konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lis-socjeta' attrici dik is-somma hekk likwidata in linea tad-danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 8 ta' April, 2002 u tal-Mandat ta' Sekwestru, bl-imghax legali kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn Joseph Farrugia u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tal-Kuntratti pprezentata fil-31 ta' mejju, 2002 li permezz taghha eccepixxa:

1. Illi l-punti mqajma mis-Socjeta’ attrici huma suggett ta’ nuqqas ta’ qbil bejn il-Welfare Committee u l-konsulenti tieghu tas-Socjeta’ attrici u ghalhekk id-Direttur tal-Kuntratti mhux il-legittimu kontradittur f’ din il-kawza ghaliex mhux responsabbli minn xi nuqqas ta’ hlas lis-socjeta’ galadarba huwa ma rcieva ebda talba mill-Kumitat biex japprovaha.

2. Illi, kif stipulat fil-Public Service (Procuement) Regulations hareg l-approvazzjoni formali tiehu biex is-somma totali kif certifikata mill-konsulenti, jigifieri Lm755,350.83 tithallas lis-socjeta’ attrici wara li rcieva talba mic-Chairman tal-Welfare Committee. Huwa ma kellu ebda talba ohra biex jawtorizza xi hlas iehor u ghalhekk m’hu qed izomm ebda hlas ufficjalment dovut lis-socjeta’ attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez.

Rat id-dikjarazzjoni tas-Sur Joseph V. Spiteri, Diretturi tal-Kuntratti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tac-Chairman tal-Welfare Committee pprezentata fit-3 ta’ Gunju, 2002 li permezz taghha ecceppixxa:

*1.* Illi preliminarjament dina l-Onorabbli Qorti hija nkompetenti stante illi skond l-Artikolu 12.14 tal-kuntrat ta’ xoghol relattiv ghat-tender gie stabbilit illi:- *“If at any time any question, dispute or difference shall arise from this contract between the Employer/Engineer in charge and the Contractor saving in so far as applicable with this clause, the provisions contained under the Title XVI of the Code of Organization and Civil Procedure*

*(Chapter 16) of the Laws of Malta or of any Law amending or replacing same from time to time being in force, the two parties shall refer such matter to arbitration which shall be conducted in accordance withe internationally accepted rules in so far as applicable. The parties shall agree to abide by the decision of such ad hoc arbitration ......”*.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma ntempestivi stante illi mhux minnu illi s-socjeta’ attrici tterminat ix-xoghol taghha f’ Marzu 2001 u nfatti sal-lum l-ebda “completion certificate” ma nhareg ai termini ta’ l-Artikolu 12.6 tal-General Conditions.

3. Illi fir-rigward ta’ xogholijiet extra minn dawk riferui fl-ispecifications tat-tender, is-socjeta’ attrici qatt ma ghaddiet “notice” bil-miktub lill-“Engineer in charge”, hekk kif kienet obbligata taghmel ai termini tal-klawsola numru 12.2.

4. Illi t-talbiet attrici fir-rigward ta’ danni allegament sofferti minnha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi ghal xhur shah is-socjeta’ attrici hadmet spalla ma’ spalla flimkien mas-socjeta’ Panta Contracting Limited fuq l-istess progett.

5. Illi fi kwalunkwe kaz is-socjeta’ attrici ma lestietx ix-xogholijiet fiz-zmien stipulat skond it-tender, cioe’ dak ta’ sitta u tletin (36) gimgha, liema perjodu qatt ma gie estiz.

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-ammont mitlub hu wiehed esagerat u mhu reali.

7. Illi l-eccipjenti qed jirriserva kwalunkwe ditt spettanti lilu skond il-ligi fir-rigward ta’ danni u penali dovuti mill-istess socjeta’ attrici ai termini tat-tender imsemmi.

8. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tac-Chairman tal-Welfare Committee is-Sur Louis Cuschieri mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Novembru, 2003 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti;

Rat l-atti processwali u n-noti ta’ l-osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti trid tiddeciedi ghandhiex gurisdizzjoni minhabba li l-kuntratt in kwistjoni kien jipprovdi li f’ kaz li l-partijiet ma jaqblux fuq interpretazzjoni tal-kuntratt, il-kaz kellu jigi sottomess ghall-arbitragg. Il-klawsola (i) in kwistjoni tghid:

*“If at any time any question, dispute or difference shall arise from this contract ... the two parties shall refer such matter to arbitration which shall be conducted in accordance withe internationally accepted rules in so far as applicable. The parties shall agree to abide by the decision of such ad hoc arbitration ......”*.

Il-gurisprudenza taghna ma’ tantx hija konkordi fuq il-materja. Fis-snin l-ikta imghoddija t-tendenza principali kienet li l-Qorti tiddeklina l-gurisdizzjoni a bazi tal-principju stabbilit fil-Kodici Civili taghna li dak li jiftiehmu l-partijiet bejnithom ghandha sahha ta’ Ligi. Per ezempju fil-kawza ***“Laferla –vs- Mizzi”*** deciza fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fit-22 ta’ Frar, 1964 il-Qorti laqghet l-eccezzjoni tal-konvenut (Dipartiment tal-Gvern) minhabba li l-kuntratt in kwistjoni kien jipprovdi li f’ kaz ta’

nuqqas ta' qbil il-konvenut kellu dritt jirreferi l-kaz lill-Bord mghamul apposta. L-istess ghamlet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet ***"Casha –vs- Mizzi"*** deciza fil-5 ta' Gunju, 1985. F' din l-okkazzjoni l-Qorti ta' l-Appell qalbet sentenza tal-Qorti tal-Kummerc.

Recentement pero' t-tendenza ma' baqghetx l-istess u l-Qrati bdew jinvestigaw il-mertu tal-kaz. Per ezempju fil-kawza ***"Ellul –vs- Bowman"*** deciza fit-28 t' April, 1993, il-Qorti tal-Kummerc assumiet il-gurisdizzjoni ghaliex il-klawsola arbitrarja kienet tirreferi l-kaz ghall-arbitragg f' Londra, meta fil-fehma tal-Qorti, il-Ligi Maltija kienet dik li fid-dritt internazzjonali privat tissejjah il-*proper law* tal-kuntratt.

Madankollu l-iktar kaz li jixbah dak odjern hu dak deciz mill-Qorti ta' l-Appell ricentement u cioe' fl-10 t' Ottubru, 2003 fil-kawza fl-ismijiet ***"Ignatius Gatt –vs- Franco Facchetti".*** Il-qorti f' dan il-kaz ikkonkludiet li billi l-konvenuti ma rrispondewx ghall-ittra gudizzjarja tal-attur qabel giet istitwita l-kawza, irrinunzjaw ghad-dritt li jirreferu l-kaz ghall-arbitragg u kwindi l-attur kien gustifikat li jiftah il-kawza ghaliex jispetta ghaz-zewg partijiet li jmorru arbitragg ghaliex hu ovvju li hadd ma' jista' jirreferi ghall-arbitragg wahdu. Sentenza konkordi kienet dik tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet ***"John Agius –vs- Micallef Insurance Agency"*** deciza fid-19 ta' Gunju, 2002.

Dan il-kaz hu simili ghaliex kif jidher mid-dokumenti ezebiti, il-partijiet ma' ftehmux lanqas fuq x' hiex kellhom jirreferu ghall-arbitragg, ghaliex filwaqt li l-attur ried li l-arbitragg jittratta ammont, il-konvenuti riedu jirreferu fuq ammont ferm inqas.

Ghalhekk il-Qorti ma thossx li jkun gust illi tiddeklina l-gurisdizzjoni, fil-waqt li xorta theggeg lill-partijiet biex jekk hu

possibbli jirreferu l-kaz ghall-arbitragg anke’ ghal soluzzjoni iktar amikevoli bejnithom minn proceduri fil-Qorti.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u ghahekk tordna li l-kawza titkompla tinstema.**

**Spejjez riservati ghal gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------